IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

## Minuti tal-Laqgha 29 (06)

Il-Kunsill Lokali al-Birgu ltaqa` ghal laqgha numru 29 fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tnejn 24 ta` Frar, 2014 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5.30pm)

**Prezenti**

Is-Sindku John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsilliera, is-Sur Alan Cassar, is-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sinjura Lara Mascena, Deputat Segretarju Ezekuttiv

**Talba**

Il-laqgha bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filghaxija. Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal laqgha

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Gew moqrija u approvati l-Minuti 25(06), 25 (06) kontinwazzjoni, 26(06), 27(06) u l-minuti tal-ahhar laqgha 28(06).

### 2. Korrispondenza

Is-Sindku ta merhba lil Ambaxxattrici ghall-ewwel laqgha taghha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku, is-Sur John Boxall kompla zied li l-Ambaxattrici ghandha dritt li taghti l-opinjoni taghha imma ma tistax tkun parti mid-decizjoni.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera li restawr tal-faccata tal-Berga ta` Franza gew approvati u l-costings li nahdmu gew mibughta lil Ambaxxata Franciza, lis-Sinjura Natasha Meli Duadey, liema Ambaxxata ser taghmel tajjeb ghal spejjez ta` dan ir-restawr.

Is-Sindku, is-Sur Boxall infomra lil Kunsilliera dwar l-ghazla tal-Bord sabiex isiru l-intervisti ghal Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Boxall issugerriexa li l-persuni li ghadhom jaghmlu parti mill-bord ghandhom ikunu s-Sur Carmel Tabone, is-Sinjura Ann Gulic u s-Sur Mark Causon flimkien mieghu. Is-Sindku kompla zied billi qal li jekk hemm xi kunsillier li huwa nterssat li jaghmel parti mill-bord, huwa mistieden li jattendi ghal intervista. L-intervisti ser issiru l-Erbgha 26 ta' Frar, 2014.

Is-Sur John Boxall qal lil Kunsilliera li ftit tal-granet ilu kellhu l-opportunita li jipprezenta l-progett tal-bnadli li gie approvat fis-sena 2011 lil investituri barranin li nvestaw fil-Casino u lukanda li hemm ix-Xatt tal-Birgu. Dan il-progett jammonta ghal 180,000 euro.

Is-Sinsku, is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera li issa Librerija Regjonali bdiet topera u tista` tghid li fl-ahhar sabet il-post adattat ghalija f`Couvre Porte. Kompla zied billi qal li fl-istess Librerija gie mahsub ukoll li jkun hemm sezzjoni fejn jista` jsir l-story telling aktar fl-kumdita`. Qal ukoll li ser issir sezzjoni fil-Librerija dwar l-Storja tal-Politika, fejn ser jinxtraw diversi kotba godda fuq dan is-suggett.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qara Memo 4/2014 li tittrata dwar ghajnuna finanzjarja lil-Kunsilli Lokali ghal Librerija Regjonali taghhom, fejn kompla jispjega li l-Kunsill ser jinghata 600 f`xiri ta` kotba, meta l-istess Kunsill jipprezenta l-ircevuta ta 1,200 li jkun xtara f`kotba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku informa lil Kusilliera dwar il-process tal-spuztjar tal-Berga ta` Sahha, fejn qal li xoghol ta` dawl u ilma minn naha tal-haddiema tad-Dipartiment tas-Sahha lest u ser tibda topera ghall-pubbliku minn nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu, 2014

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li bejn il-11 u l- 15 ta' Marzu, il-Kunsill ser jtella` sitta minn nies biex jattendu ghall-ahhar konferenza tal-Progett COHEIRS gewwa Brindisi, l-Italja. Is-Sur Boxall kompla jghid li l-Kunsill avvicina lis-Sinjorina Leanne Attard, bhala Ambaxxatrici tal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex titla` mal-grupp ghal din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera li sejha li kienet ser issir ghal ingagg ta` handyman mal-Kunsill Lokali tal-Birgu waghqet u dan minhaba ragunijiet finanzjarji li l-Kunsill qieghed jiffacja bhalissa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera dwar il-kotba Four Walks, liema kotba l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien hareg snin ilu. Is-Sur Boxall kompla billi qal li minn dawn il-kotba ma tantx fadal minhabba li hafna turisti u anke Maltin jixtru inn dawn il-kotba, ghalhekk wasal iz-zmien li jsiru kopji godda ta` dan il-ktieb. Kompla jghid li l-Kunsill gab kwotazzjoni ta` 1000 kopja li tammonta ghal 1,617 euro. Is-Sindku kompla jghid li huwa importanti li nsibu kumpanija li tisponsorjhom.

---

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku

Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier

Lara Mascena– Deputat Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill gie avvicinat minn kumpanija li toffri servizz tal-permessi b`permezz ta` software fuq il-kompjuter. Is-sur Boxall kompla jzied billi qal li din is-sistema ser tiffranka aktar xoghol lil haddiema biex isibu permessi u tindikalhom ahjar kemm ikunu ngabru flus fil-permessi.

Is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera b'ittra li l-istess Kunsill irceiva minghand l-bank BOV, fejn l-istess bank accetta li ssir ATM fil-lokalita tal-Birgu u li fil-granet li gejjin ser jigi mifthiem il-post ta' fejn ser tigi installata.

Is-Sindku, is-Sur Boxall qara korrispondenza li ntbghatet lil Ministru ta' Transport dwar ir-rottor il-godda, fejn sa issa l-Kunsill ghadu ma giex infurmat minn Transport Malta meta se jibdew dawn ir-rottot.

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera bis-sitwazzjoni li l-Kunsill jinsab fiha dwar aspett finanzjarju, fejn kompla jghid li l-Kunsill ma jistax jipprezenta l-financial statment tas-sena 2013 u dan ghaliex l-accountants il-godda ghad iridu jahdmu l-accounts tas-sena l-ohra minhabba li kien hemm bdil tal-accountants. Is-Sur Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill bghat u rcieva minghand id-Dipartiment fuq dan is-suggett.

Gie diskuss il-bzonn li jsir bdil ta' ismijiet ta' toroq gewwa lokalita tal-Birgu. Fost dawn it-toroq, is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li ser tintbghat korrispondenza lil Bord kkoncernat dwar zewg toroq li kien hemm talba dwarhom li jinbidel l-isem. fosthom; Triq il-Palazz tal-Isqof ghal Triq il-Lunzjata u Misrah ir-Rebha ghal Pjazza il-Belt Vittoriosa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku, is-Sur Boxal informa lill-Kunsilliera u giet moqrija korrispondenza dwar applikazzjoni sabiex jigu inaghtati fondi ghal aparat li jghin lil persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill ser japplika ghal lift fil-Berga ta' Franza u dwar dan ser jitkellem mal-perit responsabli mill-Berga.

Is-Sur John Boxall qara ilment anonimu li wasal ghand il-Kunsill dwar l-istat hazin ta' certu toroq.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li hemm xewqa li jsir Open Air Gym fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Boxall identfika post partikulari, fejn hemm il-gate magenb l-iskola Primarja Santu Rokku. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa ferm importanti li qabel tohrog l-iskema, l-Kunsill ghadu johrog l-costings, area u l-permessi. Is-Sur Boxall qal li tkun ideja tajba li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna lill-Kunsill ta' St.Tropez biex jghinna f'dan il-progett jew mill-fondi li l-Kunsill ghandu jiehu mill-Youth Exchange. Dwar l-post indikat, is-Sur Anton Gellel ma qabilx mill-ewwel. Dwar l-ghajnuna li Sindku isuggeriexa kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Boxall informa lill-Kunsilliera dwar kuncert li ser issir gewwa l-parrocca ta' San Lawrenz minn JP Foundation bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Ghal din l-attivita, kulhadd huwa mistieden.

Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar progett li gie mressaq lill-istess Kunsill bl-isem "X'Hemm il-Birgu" indirizzat ghal tfal tal-iskejjel. Is-Sur Boxall qal li ntbaghtet korrispondenza lil Onorevoli Evarist Bartolo dwar dan il-progett edukattiv u fejn gie nfurmat ukoll li l-Fondazzjoni Wirt Artna talbet hlas ta' €3.50 minflok €5.00 fuq kull tifel u tifla sabiex jidhlu jaraw ix-xelter, liema progett huwa wiehed edukattiv.

Is-Sur John Boxall qara ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Marco Agius sabiex jinghata permess juza l-kantina ghal matul l-granet tal-Gimgha Mqaddsa. Dwar dan kien hemm qbil li ghal din is-sena ser jinghata l-permess imma ghas-sena diehla jkun ahjar li jinstab post alternattiv.

Is-Sindku, is-Sur Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-Ambaxxata Taljana fejn infumata li belt fl-Italja bl-isem ta' Spinazzola tixiteq tohloq attivta mal-belt tal-Birgu minhabba relazzjoni li hemm bejn dawn iz-zewgt ibliet.

Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sezzjoni Zghazagh Palmizi sabiex jinghatalhom permess ghal parkegg f'nofs il-pjazza ghal matul il-granet li ser titella' rock opera. Dwar dan ma kienx hemm qbil.

Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill bhalissa qieghed jahdem biex jimla' applikazzjoni ghal progett Erasmus +

Is-Sindku, is-Sur Boxall informa lill-Kunsilliera dwar progett gdid bl-isem "Scoula Genitori 2014" fejn l-istess Kunsill wera l-interess tieghu li jippartecipa, u dan ghaliex dan il-progett ser jghin lill-genituri u lil uliedhom.

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-ALDA dwar progett gdid bl-isem "DEAR", fejn ntbghatu l-budgets u l-costings.

Il-Laqgha giet fi tmiema fit-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30pm). Gie deciz li ssir kontiwazzjoni tal-laqgha 29(06) nhar il-Hamis 27 ta' Frar,2014.

| | |
|---|---|
| Lara Mascena | John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Lara Mascena– Deputat Segretarja Ezekuttiva

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku

Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier

Lara Mascena– Deputat Segretarja Ezekuttiva